MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 20/2008

**Francis Tonna (633932M), Maria Tonna (13127M), John Tonna (306838M), Santu Tonna (316843M),Joseph Borg (695553M) Francesca Saveria Attard (850554M) Nazzarena Mifsud (464656M) Maria Assunta Camilleri (585659M) Benedict Borg (384163M) Paul Borg (57770M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn jesponu bir-rispett;

Illi l-esponenti gew lkoll notifikati b'att gudizzjarju datat 11 ta' Dicembru, 2008 mibghut mill-intimat, u li permezz tieghu gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas lill-esponenti ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' bicca art f'Hal-Lija, li hija tal-kejl ta'

madwar 353 metru kwadru tmiss mill-Grigal ma' propjeta' ta' Thomas Tonna, mill-Lbic u mill-Majjistral ma' toroq pubblici jew irjieh verjuri, is-somma ta' €22,200 skond l-istima li hemm mehmuza mal-Avviz Numru 846 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 2 t'Ottubru, 2008, liema stima saret mill-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE.

Illi bil-prezenti l-esponenti qed jikkontestaw l-ammont ta' kumpens offrut fl-imsemmi att gudizzjarju u qed jitolbu kumpens ta' sebghin elf u sitt mitt Euro (€70,600) a bazi ta' stima mhejjija mill-Perit Arkitett Ludovico Micallef A&CE, hawn mehmuza (Dok A)

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna illi jigi rivedut u mizjud il-kumpens li huma intitolati ghalih l-esponenti minghand l-awtorita' kompetenti ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-porzjon art f'Hal-Lija, li hija tal-kejl ta' madwar 353 metri kwadri propjeta' tal-esponenti, u ghalhekk tiffissa kumpens ai termini tar-rapport imhejji mill-Perit Ludovico Micallef A&CE, inkarigat mill-esponenti, li ddikjara li l-valur tal-porzjon art inkwistjoni huwa ta' €70,600. Konsegwentement jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-att, u jaghti l-provvedimenti kollha mehtiega u opportuni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur ta l-Artijiet fejn jesponi bir-rispett;

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 30 ta' Dicembru, 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita' kompetenti ta' tnejn u ghoxrin elf u mitejn Euro (€22,200) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjon art f'Hal-Lija, tal-kejl ta' madwar 353 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' propjeta' ta' Thomas Tonna, mill-Lbic u mill-

Majjistral ma’ toroq pubblici jew irjieh verjuri fil-Mosta, liema porzjon ta’ art giet esproprijata permezz ta’ l-Avviz tal-Gvern numru 846 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 t’Ottubru, 2008

Illi r-rikorrenti qeghdin jippretendu li l-kumpens gust li ghandu jithallas lilhom ghal din il-porzjon art ghandu jkun dak ta’ sebghin elf u sitt mitt Euro (€70,600).

Illi l-esponenti qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust ghall-art fuq imsemmi ghandu jkun dak ta’ tnejn u ghoxrin elf u mitejn Euro (€22,200) hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, li huwa dak l-ammont illi hemm imsemmi fl-avviz fuq citat, liema valur gie stabbilit mill-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf u mitejn Euro (€22.200) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghal l-esproprjazzjoni tal-porzjon ta’ art fuq imsemmi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza proposta mir-rikorrenti in segwitu ta’ espropriju ta’ art f’Hal Lija ta’ kejl ta’ cirka 353 metri kwadri ghal-liema espropriju l-intimat offra somma li ma kienitx accettabbli ghar-rikorrenti u ghalhekk saret talba ghall-fisazzjoni tal-kumpens gust;

Illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw r-rifjut u sussegwenti talba taghhom fuq il-parir moghti minn perit arkitett minnhom inkarigat li rrilaxxja stima li tinsab esebita a fol. 3 tal-process. L-istess perit arkitett xehed bil-gurament u spjega kif wasal ghal din l-istima fil-valur ta’ €70,600.00 u in succint illi din l-art ittiehdet sabiex tinbena triq li kellha sservi biex ikun sodisfatt ir-rekwizit ta’ triq li jehtieg ikollu

kull sid ta' art meta jrid jizviluppa l-istess. L-art mhix qeghda fl-iskema tal-bini ghaliex l-iskema tispicca ezatt mat-triq mibnija fuq l-art espproprijata;

Illi sabiex jiffissa l-kumpens gust, l-Bord kien assenja biex jassistuh lil zewg periti membri mill-elenku ufficjali u li dawn wara li hadu in kkonsidraw ix-xhieda u d-dokumenti kollha tal-kaz ikkonkludew bil-mod segwenti fir-relazzjoni taghhom li hija annessa u formanti parti minn din id-decizjoni:

*Huma ikkunsidraw dana kollu,  id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-artikoli 18 u 18A u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola espproprijata ghat-twessigh ta' Triq fil-limiti taz-zona fabrikabbli, u  li l-kumpens dovut lir-rikorrenti ghandu jigi iffissat ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro. (€25,000.00)*

Ikkonsidra illi l-periti membri baqghu tal-istess opinjoni wara li sarulhom domandi in eskussjoni;

Il-Bord ghalhekk, filwaqt illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti qieghed  jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art f'Hal-Lija, tal-kejl ta' madwar 353 metru kwadru tmiss mill-Grigal ma' propjeta' ta' Thomas Tonna, mill-Lbic u mill-Majjistral ma' toroq pubblici jew irjieh verjuri, liema art qed tkun dikjarata agrikola, fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000.00) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------